MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. MANDUCA PHILIP

Seduta ta' 31 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1856/2002

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta’ estera Norwich Union International Insurance Limited**

**Vs**

**Martin Zammit**

### It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ Lm127.00c (mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin) rappresentanti hlasijiet effettwati minnha lil terzi ghan-nom tal-konvenut ai termini ta’ l-Att Dwar Assigurazzjoni ta’ Vetturi tal-Mutur Ghar-Riskji ta’ Terzi Perzuni (Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta), in konnessjoni ma’ l-incident awtomobistiku illi sehh fit- 28 ta’ Marzu, 2000 gewwa Victoria Square Naxxar, bejn il-vettura assikurata mill-

konvenut mas-socjeta' attrici, bin-numru ta' registrazzjoni CAE 946, u l-vettura di proprjeta ta' Mark Vassallo bin-numru ta' registrazzjoni EAG 298.

Is-socjeta' attrici talbet illi dan it-Tribuanl joghgbu jikkundanna lill-konvenut jirrifondi tali ammont wara illi jigi ddikjarat illi l-polza ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta' attrici fil-konfront tal-konvenut hija annullata, kancellata u mhassra stante illi l-konvenut ma onerax il-kundizzjoni tal-polza relattiva billi baqa' jirrifjuta illi jhallas l-excess payment dovut minkejja diversi interpellazzjonijijet lilu maghmula.

Bl-ispejjes inkluz dawk ta' l-ittra legali mibghuta f' Mejju 2001 u tal-konsult ammontanti ghal hmistax-il lira Maltin (Lm15) piu' t-Taxxa tal-Valur Mizjud, u interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-Att sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut.

Ra li l- konvenut baqa' kontumaci ;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjes u l-interessi skond il-Ligi.

**Dr. Philip Manduca LL.D**
**Gudikatur**